# IN-NIĊĊA TAL-MADONNA TA' LORETO

## fi Pjazza San Ġorġ - Rabat, Għawdex

Kitba ta'Ġuże Galea

*(Ħajr lit-Telstar u l-Berqa)*



Fl-imgħoddi, f'kull raħal ta' Malta u ta' Għawdex, aktar mill-ibliet, l-għadd ta' niċeċ fil-kantunieri, jew fi rkejjen oħra, kien akbar u kienu iktar popolari milli huma fi żmienna. Il-bniedem kien anqas sofistikat, kien aktar devot u aktar mehdi bl-affarijiet ta' ruħu, forsi għax ma kellux distrazzjonijiet bħal ma għandna llum.

Fil-qedem nett, qabel ma bdew jibnu l-knejjes kbar, in-niċċa, imwarrba fl-għelieqi, jew fit-triq, kienet tispira u tkebbes aktar devozzjoni f'qalb il-bniedem. Mill-kittieba qodma ta' l-istorja tal-knisja, ftit huma dawk li taw tagħrif sew kif żviluppat din jew dik il-knisja, u wisq anqas kienu twebblu jistudjaw kif kienu nibtu ħafna minn-niċeċ li hawn imxerda fil-gżejjer tagħna.

Il-bdiewa, x'ħin ix-xemx tkun ser tmajna, jerfgħu l-moħriet u l-għodda tagħhom, u jgħabbuhom fuq dahar il-ħmar jew xi bhima oħra, biex jaqbdu triqthom lejn id-dar. Il-mogħdijiet qalb l-għelieqi fl-aħħar kienu jwasslu fuq it-triq tar-raħal. Uħud mill-bdiewa kienu jieqfu taħt il-ħajt, jistennew lill-bdiewa oħra jaslu ħdejhom, u meta jiltaqgħu flimkien, l-aħħar minnhom, kien jibda jgħid xi talba ta' ħajr lil Alla l-imbierek, talli kienu għaddew jum ieħor, hieni jew imwiegħer, skond id-destin tagħna ta'kuljum. U ikoll flimkien, bħal f'għaqda waħda, kienu jgħollu l-ħsieb tagħhom lejn il-Ħallieq.

Għalhekk, dak il-post, maż-żmien,kien isir bħal tokk fejn il-bwieda, u ħadd ieħor, kienu jiltaqgħu, biex jiddiskutu l-ħajja ta' kuljumm, biex jitkelmu dwar il-biegħa u ż-żrieragħ, u biex isesku fuq għajrhom.

Imbagħad xi ħadd iwaqqaf salib tal-ġebel fuq il-post,jonkella jdendel xbiha ta' qaddis mal-ħajt, biex dik id-devozzjoni ..aktar tixtered u tinfirex fost dawk li kienu jgħaddu minn dawk l-inħawwi . U kif naqraw fid-dokumenti tal-qedem, uħud minn dawk il-bwiewa kienu jħallu fit-testament tagħhom dik ix-xi ħaġa minn ġidhom, jekk mhux kollox ukoll, biex hemm fuq dak il-post tinbena niċċa tal-ġebel, biex jieħdu ħsiebha, u biex jixegħlu d-dawl tal-lampa quddiemha. L-atti tan-nutara antiki kollha mimlijin b' dawn it-testmenti.

Kull niċċa għandha l-istorja tagħha,u tistagħġeb kemm tagħrif tiġbor madwara niċċa li tista' timla ktieb bi ġrajjietha. Dawk in-niċeċ kienu kienu jkunu wkoll post għażiż għal ħafna, għax minnhom bosta nies kienu jieħdu l-faraġ tagħhom, u jimtlew bis-sabar fil-gwaj li kien ikollhom . Oħrajn kienu jiktbu ġidhom biex flok in-niċċa tinbena kappella, daqsxejn ta' kamra. Hekk kienet żviluppat dik il-knisja majestuża tal-Madonna ta' Pinu, u ħafna oħrajn.

L-istampa tal-lum(*referenza għal dik ta'Loreto li hemm qrib il-knisja ta' San Ġorġ,Victoria)* turi ritratt ta' niċċa, li sa ftit snin ilu, kient għadha wieqfa biswit sewwa sew il-knisja ta' San Ġorġ, tar-Rabat,ta' Għawdex. Din in-niċċa kienet imsejħa bl-isem ta' Loreto, iżda kienu aktar isibuha bl-isem ta' Hili, billi taħtha sew kien hemm bejjiegħ il-ħaxix, b'dak l-isem.

In-niċċa kienet għolja dwar ħames jew sitt piedi mill-art, bi skultura mill-isbaħ fil-ġebla Għawdxija . Il-figura tal-Madonna hija bil-wieqfa qegħda ġġorr id-dar tagħha, magħrufa bl' isem ta' Loreto, li qed iservi bħala pedestall għall-istatwa tal-Bambin, li qiegħed bil-wieqfa fuqha. Il-figuri kollha f'daqqa donnhom merfugħin minn tliet anġli, li qiegħdin

iġorru kollox fuq is-sħab, l-istess bħal ma l-anġli kienu ġarrew id-dar ta' Nazareth għall-belt ta' Loreto.

Din in-niċċa mhux minn dejjem kienet hekk, tal-ġebel. Qabel kien hemm tnejn, jew tlieta oħra qabilha, li biż-żmien kienu għamluhom ġodda. Din in-niċċa kienet twaqqfet hemm ħdejn il-knisja ta' San Ġorġ, ftit wara li kienu biddlu l-titular tal-knisja li wara ssejħet Matriċi, għax minn Madonna ta' Loreto, kienu semmewha Santa Marija, li kienet l-istess, iżda bil-mod bdew jikkonfonduwa ma' l-Assunta, u hekk baqgħet sal-lum.

Kien hemm kappella li waqqaf qassis Ruman fuq l-għolja, fiċ-cittadella, u kien iddedikaha lill-Madonna ta' Loreto, f'ġieħ dik ta' l-Italja. Qassis ieħor, Taljan ukoll, kien waqqaf knisja oħra ta' Loreto, fejn jgħidulu tad-Dabrani, fis-sena 1477.

Iżda billi l-paroċċi ta' Għawdex, l-unika waħda li kien hemm, kienet dik il-knisja ta' San Ġorġ, u l-qassis Taljan, barrani, kien bena dik il-kappella żgħira ta' Loreto.(li ma tantx kienet popolari, għax barranija, u minn barrani) maż-żmien kienet laħqet speċi ta' rivalita' benjniethom. Għahelkk ftit aktar minn mitt sena wara l-fondazzjoni tal-kappella, li sa dak iż-żmien saret Matriċi ta' Għawdex bla ħadd ma jaf kif, biex speċi ta' jinku lil ta' San Ġorġ, bnew u waqqfu dik in-niċċa ta' Loreto biswit il-knisja tal-qaddis ta' Lidda..

( Hajr lis-Sur Lorenzo Zahra li għaddilna dan it- tagħrif)

*Il-Festa t-Tajba lill-Poplu kollu!*

**Banka tal-Lottu**

Ka‰in tal-Banda - Gœajnsielem

*Hinijiet tal-Ftuħ:*

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn: | | 4.00 pm – 5.00 pm |
| It-Tlieta: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 5.00 pm |
| L-Erbgħa: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Il-Ħamis: | 8.00 am – 9.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Il-Ġimgħa: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Is-Sibt: | 7.15 am – 10.30 am | 2.00 pm – 4.00 pm |
| Il-Ħadd: | 10.30 am – 11.30 am | |

**Riċevitur: Neville Vella – Tel: 2156 6740**

**FRANKIE SALIBA**
**Ta' Bellin**
*Building Contractor*

Borg Għarib Street, Għajnsielem, Gozo.
Tel / Fax: **21 55 1112** Mob: **9946 3908**